MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 562/1997/1

Mary Doris Borg u b'digriet tal-14 ta' Mejju 1999 il-kunjom gie korrett ghal Schembri
vs
Chief Government Medical Officer

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-10 ta' Settembru 1987, ir-rikorrenti sofriet pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi giet ingustament trasferita u ma nghatatx il-promozzjoni spettanti lilha.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti kienet originarjament dahlet fl-ingagg tad-Dipartiment tas-Sahha bhala Portress fis-sena 1981 u bdiet tippresta s-servizzi taghha fl-Isptar San Vincenz de

Paule qabel maghruf bhala Has-Serh fejn kienet taghmel ix-xoghol ta’ reliever portress.

Illi f’Settembru 1987, minghajr ebda raguni, kienet giet trasferita ghall-Isptar San Luqa u giet ordnata taghmel ix-xoghol ta’ fattiga fil-Ward WOD liema xoghol ma kienx jirrifletti l-grad taghha.

Illi sussegwentement fl-istess sena tal-1987 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta’ security u wara li kienet giet sottomessa ghall-interview fejn ma giet mistoqsija relattivament xejn, kienet giet informata li l-vakanza kienet giet mimlija minn persuni li ma kellhomx is-servizz u l-esperjenza li hija kellha.

Illi fis-sena 1992 kienet harget sejha ghall-grad Grupp D u ghad li r-rikorrenti kienet applikat, l-applikazzjoni taghha ma kenitx giet milqugha fuq il-pretiza li hija ma kenitx Hospital Auxiliary meta porters ohra kienu gew moghtija c-cans u gew promossi.

Illi nonostante li ma kenitx giet moghtija l-promozzjoni hija xorta giet imgieghla taghmel xoghol ta’ portress runner fil-ward.
Illi hija kienet bi hsiebha ggib biex isostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib bi prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-fuq espost u rriservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li setghu kienu necessarji u opportuni, talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u tinghata rimedju billi: (1) jigi dikjarat illi fil-konfront taghha giet kommessa ingustizzja giet trasferita ghall ebda raguni u f’zewg okkazzjonijiet imcahhda l-promozzjoni spettanti lilha (2) jigi ordnat illi tinghata l-promozzjoni/jiet b’lura flimkien ma’ dawk il-beneficcji konnessi mal-istess minghajr ma titlef kull dritt iehor ghall-promozzjoni fil-futur u (3) tigi moghtija kumpens ta’

Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi r-rikorrenti kienet giet trasferita skond l-esigenzi tas-servizz u dan ai termini ta’ l-appointment taghha.

Illi rigward il-promozzjonijiet li allegatament ma nghatatx, it-Tabib Principali tal-Gvern ma hux legittimu kontradittur minhabba l-fatt illi l-Bord ta’ l-Ghazla huwa maghzul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rizultat ta’ l-interview kif ukoll il-persuni maghzula mill-Bord sabiex jimlew postijiet vakanti jigu mghoddija lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  Il-promozzjoni ta’ dawk maghzula finalment issir mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk it-Tabib Principali tal-Gvern ma hu nvolut fl-ebda stadju ta’ dawn il-proceduri.  Di piu` il-proceduri li jirrigwardaw il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huma insindikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-permess a formali konjizzjoni tar-rikorrenti, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet maghmula fir-rikors stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li dahlet fl-ingagg mas-Servizz Pubbliku fil-21 ta' April 1975 bhala Hospital Auxiliary. Fl-1981 kienet giet ordnata taghmel xoghol ta' Portress fejn damet sas-sena 1987 u cioe` wara l-bidla fl-amministrazzjoni. B'konsegwenza ta' din il-bidla kienet giet moghtija transfer ghall-Isptar ta' San Luqa bhala Hospital Auxiliary. Qalet li kienet giet promossa ghal Portress, ghax kienet saret sejha u kienet applikat u mhux b'xi favur. Sussegwentement kienet qaghdet ghall-ezami u kienet ghaddiet. Sostniet illi meta giet imgieghla taghmel xoghol ta' Hospital Auxiliary qisha giet demoted. B'hekk giet imcahhda mix-shift allowance u nehhewlha d-double off peress li x-xoghol ta' Hospital Auxiliary huwa dejjem sal-4.00 p.m., kif ukoll oltre li tilfet cirka Lm50 fix-xahar, u giet imcahhda mill-promozzjoni ghall-group D u cioe` Security.

Qalet li ghalkemm kienet ilha taghmel xoghol ta' Security peress illi kienet tokkupa l-grad ta' Portress, ma gietx moghtija l-promozzjoni izda gew akkomodati diversi nies minn barra li qabel kienu jahdmu go factories u postijiet li ma ghandhom l-ebda konnessjoni ma' dak ix-xoghol. Semmiet li kien hemm Hospital Auxiliaries li gew promossi ghall-grad ta' Security u dan billi gew imqabbza zewg gradi. L-iskuza li kienet ingiebet kienet li ma kellhiex l-esperjenza rikjesta ghalkemm kienet tissodisfa dik ta' Security kif ukoll dik ta' Hospital Auxiliary. Damet issofri din l-ingustizzja ghal aktar minn 10 snin u wara giet rettifikata u giet moghtija taghmel xoghol li kien jisthoqqilha.

Xehdet Pauline Gatt li tahdem mad-Dipartiment tas-Sanita` bhala Departimental Nursing Manager pero` ilha li spiccat mill-ward fejn kienet tahdem ir-rikorrenti xi hames snin. Semmiet li tafha ghax kienet tahdem tahtha u x-xhud telqet minn dik il-ward qabel ma telqet ir-rikorrenti. Meta r-rikorrenti marret fil-ward bhala cleaner, ix-xhud kienet gja qieghda in charge izda m'kellhiex idea meta kienet marret. Semmiet li r-rikorrenti kienet tobdi r-regolamenti u ma kenitx tilmenta li mhux ix-xoghol taghha. Ma ftakritx li kienu hargu xi sejhiet ghal xi promotions. Ir-

rikorrenti kienet taqdi dmirijietha sewwa bhala cleaner u x-xhud kienet tirrakkomandaha ghall-promotions.

Gie esebit dokument a fol 27 tal-process li minnu jirrizulta li r-rikorrenti kienet giet imlahhqa Portress Group C biex taqdi d-dmirijiet taghha fid-Dipartiment tas-Sahha u l-Ambjent.

Xehed Saviour Lautier li jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha bhala Direttur tar-Rizorsi Umani. Dwar il-promozzjonijiet tal-1987 il-procedura kienet li jkun hemm il-bord appuntat mill-PSC u johorgu l-applikazzjonijiet. Il-PSC approvat ir-rizultat li kien moghti mis-Selection Board, kien hareg u gie approvat mill-Prim Ministru u din kienet f'idejn il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. L-istess haga ghal dawk tal-1992. Huma ma kienux f'pozizzjoni li jghidu kif intghazlu n-nies u kif inghataw il-marki ghax dejjem kienet il-Public Service Commission. Fil-maggoranza tal-kazijiet dwar is-Selection Board, id-Dipartiment ikun ippropona tnejn minn nies biex ikunu fuq is-selection board, liema nies iridu jigu approvati mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.

L-examining board ikollu r-Record of Service jigifieri bniedem kemm ilu mal-Gvern u f'liema grad u d-Defaulter's Sheet u dawn jigu preparati mid-dipartiment u jintbaghatu lis-Selection Board. Semma li tal-1987 kienet Hospital Surveillance Officer u kienet harget fil-Gazzetta tal-Gvern u ghalhekk ghac-cittadini kollha Maltin. Tal-1992 qal li ma jiftakarx taht liema cirkostanzi harget. Qal li t-transfers maghhom jigu decizi skond l-ezigenzi tas-servizz jew fuq talba tal-applikant. Dwar it-transfer tar-rikorrenti qal li kien involut kemm il-Ministeru kif ukoll il-Kap tad-Dipartiment. Dehrlu li kienet giet mibdula ma' Paula Schembri u r-raguni kienet l-ezigenzi tas-servizz. Min ikun iffirma dejjem ikun ikkonsulta mal-Ministru. Ma setax jghid ir-raguni ghaliex u bl-interess ta' min kien sar it-transfer.

Kienu qalulu li r-rikorrenti ghalkemm kienet Portress kienet taghmel xoghol ta' fattiga. Id-duties ta' Portress huma mal-gate, ticcekkja l-vizitaturi, fil-main entrance tal-

building, required to keep attendance books and other minor records, jigifieri mhux ta' tindif. Pero` qalulu li kienet taghmel duties of hospital cleaner izda ma kenitx fattiga propja. Ix-xoghol ta' portress huwa xoghol superjuri ghal dak ta' fattiga. Qal li l-kariga tar-rikorrenti kienet portress pero` xorta wahda kienet taghmel xoghol ta' fattiga.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda zewg aspetti u cioe` dak riferibbli ghan-nuqqas ta' promozzjoni ghall-grad ta' security u dak riferibbli ghal transfer. Dawn iridu jigu ezeminati separatament. Dwar il-promozzjoni ghall-grad ta' Security certament li jidher li r-rikorrenti peress li kellha l-grad ta' Portress kienet indikata ghal dak ix-xoghol izda sfortunatament ir-rikorrenti ma pproducietx la l-applikazzjoni li tahtha setghet tapplika jew korrispondenza simili u anqas provi dwar min lahaq u d-dettalji ohra ghal min lahaq relattivi ghal xi kwalifiki, esperjenza, u affarijiet pozittivi ohra f' dawk li lahqu halli r-rikorrenti tipprova li meta hi ma gietx moghtija l-grad saret ingustizzja maghha. Minhabba f' dan it-Tribunal mhux f' pozizzjoni li jikkonkludi li fil-fatt saret ingustizzja meta hija ma gietx moghtija dan il-grad u dwar dan l-aspett it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Izda rrizulta li r-rikorrenti wara l-1987 giet trasferita ghall-Isptar San Luqa u hemmhekk moghtija xoghol inferjuri ghall-grad taghha, kawza tieghu tilfet allowances u liema transfer ma nghatatx raguni valida ghalih. Infatti l-unika risposta li rcieva t-Tribunal dwar it-transfer hi li kienet mibdula ma' Paula Schembri minhabba l-ezigenzi tas-servizz. Issa t-Tribunal dwar transfer u ezigenzi tas-servizz fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li

sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Mela ghalhekk l-iskuza tal-ezigenzi tas-servizz ma tistax tigi accettata f' dan il-kaz. Mhux hekk biss izda addirittura meta r-rikorrenti minghajr raguni valida giet trasferita spiccat taghmel xoghol inferjuri ghall-grad taghha u tilfet allowances ghal xi ghaxar snin. Fil-fehma tat-Tribunal dan jammonta ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap. 394 u ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar it-transfer gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira Maltin [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------